MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2014

Numru 23/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Oscar Calafato**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Oscar Calafato ta' sebgha u tletin (37) sena, iben Nazzareno u Maryanne neè Borg, imwieled l-Ingilterra fil-31 ta' Dicembru 1976 u residenti Blk G Flt 1 Ent D Fuq Tal-Hawli, Birgu, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 257781(M), talli:

1. Gewwa Bormla, nhar il-5 ta' Jannar 2014, ghal habta tat-3.30 ta' wara nofsinhar, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Diane Grech minn Bormla f'perikolu car, ikkaguna offiza

ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' l-imsemmija Diane Grech, skond ma ccertifika it-tabib tal-Poliklinika ta' Rahal il-Gdid, Dr. F. Dalli-Badjadi 3358 MD;

2. Fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew il-qieghed il-hajja ta' Diane Grech minn Bormla f'perikolu car, ikkaguna sfregju ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna taghha;

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika u bon ordni;

4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-mewt lil Diane Grech minn Bormla;

5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DYL-172 kontra s-sinjali tat-traffiku *oneway*;

6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DYL-172 b'mod negligenti u perikoluz;

7. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DYL-172 minghajr ma kien qed taghmel uzu mic-cintorin tas-sigurta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-kaz u d-dokumenti esebiti markati Dok. "FS1" sa' Dok. "FS6";

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena w innotat li entrambe ddikjaraw li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-piena idoneja tkun wahda karcerarja sospiza ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli: (1) gewwa Bormla, nhar il-5 ta' Jannar 2014, ghal habta tat-3.30 ta' wara nofsinhar, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Diane Grech minn Bormla f'perikolu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' l-imsemmija Diane Grech, skond ma ccertifika it-tabib tal-Poliklinika ta' Rahal il-Gdid, Dr. F. Dalli-Badjadi 3358 MD; (2) fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew il-qieghed il-hajja ta' Diane Grech minn Bormla f'perikolu car, ikkaguna sfregju ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna taghha; (3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika u bon ordni; (4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hedded bil-mewt lil Diane Grech minn Bormla; (5) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DYL-172 kontra s-sinjali tat-traffiku *oneway*; (6) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DYL-172 b'mod negligenti u perikoluz; (7) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni DYL-172 minghajr ma kien qed taghmel uzu mic-cintorin tas-sigurta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u dana minkejja li ai termini tal-Ligi l-Qorti kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u jerga' jmur lura minna.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u li ikkopera mal-Pulizija u hadet in konsiderazzjoni wkoll dak sottomess u dikjarat mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza waqt it-trattazzjoni orali dwar il-piena, u cioè li fil-kaz in ezami sentenza sospiza ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tkun piena

idoneja, u li – kif dikjarat mill-Prosekuzzjoni – it-tieni, it-tielet u r-raba’ akkuzi huma assorbiti fl-ewwel akkuza.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b) u (d), 214 u 218(1)(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 15(1)(a)  u 55 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tikkundannah ghal perijodu ta’ ghaxar (10) xhur prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz hemm lok li t-terminu ta’ prigunerija jigi sospiz a tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tissospendi t-terminu ta’ ghaxar (10) xhur prigunerija ghal sena (1) b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

A tenur tal-Artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum u dana billi mill-fedina penali tieghu jirrizulta li din hija it-tieni kundanna a tenur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta li qed tigi imposta fuqu.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-procedimenti u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------